**Minuti tal-418-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**il-Ħamis, 8 t' Awwissu, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Mark Grech.

Is-Sinjura Anna Calleja kienet skużata.

Qabel bdiet il-laqgħa s-Sindku qal li din il-laqgħa qiegħda ssir b'urġenza wara talba li saret minn aktar minn terz ta' Kunsillieri.

Is-Sindku mbagħad qara stqarrija fejn qal li l-laqgħa b'urġenza mhux qed issir skont il-liġi għax ma ġietx imsejjħa fi żmien tliet ijiem. Is-Sur Vella talab lis-Sindku jara d-data tat-timbru uffiċjali tal-Kunsill li tikkonferma meta s-Segretarju rċieva t-talba biex isejjaħ il-laqgħa.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Is-Sindku qal li ma kienx qiegħed jaqbel mal-aħħar parti tal-minuti fejn tkellem lis-Segretarju għax qal li f'dak l-istadju hu kien ta' *ruling* biex il-laqgħa tiġi aġġornata. Is-Sindku ppropona wkoll li jitneħħa l-*heading* 'Approvazzjoni tal-Minuti'. Is-Sur John Pace ssekonda lis-Sindku iżda l-mozzjoni m'għaddietx b'ħames voti kontra, żewġ voti favur u tliet astenzjonijiet.

Fuq proposta tas-Sur Vella li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel b'sitt voti favur, żewġ voti kontra u żewġ astenzjonijiet li jitneħħa l-*heading* 'Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti', issir korrezzjoni tas-sintassi tal-aħħar sentenza tal-minuti f'paġna 40 u l-minuti jiġu approvati kif emendati.

Item 3 - Memo 17/2013 dwar Skema t'Għajnuna Finanzjarja għal-L*ive Streaming*

Is-Segretarju nforma lill-Kunsillieri bil-kontenut ta' Memo 17/2013 dwar il-*live streaming* u l-applikazzjoni biex il-Kunsill japplika għall-għajnuna għall-fondi. Is-Sindku qal illi permezz ta' din l-iskema l-Kunsill ser jingħata għajnuna finanzjarja biex il-laqgħat tal-Kunsill jiġu *streamed live*. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jidħol f'din l-iskema u tinħareġ sejħa għall-offerti biex jinxtara t-tagħmir għal-*live streaming* tal-laqgħat.

Is-Sur Joe Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jissieħeb f'din l-iskema.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-Kunsill biex ikun jista' iressaq korrispondenza ta' natura urġenti. Is-Sur Marc Vella Bonnici ssekonda u l-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jressaq korrispondenza li jidhirlu li hi ta' urġenza.

Inqrat ittra mibgħuta mill-Kumitat Festi Esterni ta' San Duminku, il-Birgu fejn talbu permess biex nhar il-Ħadd, 25 t'Awwissu, 2013 fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Duminku jinħaraq nar miż-żona magħrufa tal-Fataħ limiti ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni għat-talba tal-Kumitat Esterni San Duminku.

Is-Sindku qal li s-Soċjeta Filarmonica Maria Mater Gratiæ kienet qed tinnotifika lill-Kunsill illi bejn l-Erbgħa, 28 t'Awwissu, 2013 u s-Sibt, 31 t'Awwissu, 2013 Triq tal-Labour ser tingħalaq għat-traffiku biex il-Ġimgħa, 30 u s-Sibt, 31 t'Awwissu, 2013 isiru kunċerti mużikali.

Item 4 - Attivitajiet tal-Kunsill Lokali

Il-Viċi-Sindku staqsa lis-Sindku dwar ir-raġuni għaliex is-Sindku kien qal li bejjiegħa Żabbarin mhux ser jingħataw permess jarmaw fl-attività tal-1 ta' Ġunju biex imbagħad kien hemm min tħalla jarma saħansitra mingħajr permess. Is-Sindku ċaħad li kien qal li ħadd minn Ħaż-Żabbar mhu ser jingħata permess ibiegħ ikel eċċ. Is-Sur Buttigieg qal li tajjeb li l-Kunsill jikkunsidra li jibda jintuża *recorder* biex il-laqgħa tal-Kunsill tiġi rrekordjata.

Is-Sur Joseph Vella staqsa lis-Sindku fuq liema kriterji ntgħażel l-MayPole ta' Ħal-Qormi għaż-żewġ attivitajiet illi saru u kif l-ebda *caterer* ieħor ma ngħata l-opportunità biex jesprimi l-interess tiegħu biex joffri s-servizz jew provvista tiegħu f'din l-attività. Is-Sur Vella staqsa lis-Sindku jekk il-kumpanija MayPole kienetx ħallset xi permess biex tagħmel l-*istands* fl-attività tal-1 ta' Ġunju. Is-Sur Vella staqsa wkoll dwar il-mod ta' kif inbiegħu il-biljetti għall-attività li saret fis-27 ta' Lulju, 2013, min kien responsabbli minn dawn il-flus u jekk kull min ipparteċipa fl-attività The Longest Table kienx ħallas biex jiekol. Is-Sur Vella staqsa ta' min kien in-numru tal-*mobile* li deher fuq reklamar tal-attività minn fejn wieħed seta' jixtri l-biljetti u dan peress illi l-Kunsill ma kienx jaf li kien hemm persuna li qed tbiegħ xi biljetti jew tiġbor xi flus.

B'referenza għal diversi artikli li dehru fuq ġurnali u siti elettroniċi, is-Sur Vella staqsa lis-Sindku jekk kienux inġabru xi flus addizzjonali mill-€23.29 li tħallsu għall-permess ta' posti u jekk kienx minnu li ntalbu €77 lill-persuni li xtaqu jarmaw posta fl-attivitajiet li saru mill-Kunsill. Is-Sur Vella staqsa lis-Sindku jekk is-Soċjetajiet, il-Kappillan jew xi għaqdiet oħra kienux ingħataw xi flus milli setgħu nġabru f'din l-attività. Is-Sindku ċaħad l-allegazzjonijiet li dehru fuq l-*media* u qal li l-ispiża tal-attività Longest Table In The World kienet ser tkun ta' madwar €3,000.

Is-Sur Grech talab li l-Kunsill jiġi pprovdut b'lista tad-dħul u ħruġ li kien hemm fiż-żewġ attivitajiet li saru fl-1 ta' Ġunju u s-27 ta' Lulju, 2013.

Is-Sur Mark Grech staqsa dwar min kien ipprovda l-*bricks* li fuqhom tpoġġiet il-mejda u jekk dawn ġewx provduti bi ħlas. Is-Sindku qal li dawn il-*bricks* ġew provduti mill-kumpanija Central Asphalt Limited mingħajr ħlas.

Is-Sur Bonnici staqsa min kien ħallas jew ser iħallas għat-tindif u l-kiri ta' *mobile toilets* fl-attività li saret fis-27 ta' Lulju u kemm hi l-ispiża relatata ma' dawn is-servizzi.

Is-Sur Bonnici staqsa wkoll lis-Sindku min ħallas jew ser iħallas għad-dawl li ġie armat fit-toroq u kemm kienet l-ispiża għal dan l-armar.

Is-Sindku wera rendikont tal-ispejjeż relatati mal-attività The Longest Table. Is-Sur Grech qal li waħda mill-*items* kienet teċċedi l-valur ta' €1,164.68 u għalhekk ma setax isir *direct order*. Is-Sindku qal li dan ir-rendikont kien proviżorju u ser jiġi ppreżentat rendikont ieħor minflok darb'oħra.

Is-Sur Vella staqsa x'sar mill-flus li nġabru mill-attivitajiet. Is-Sur Pace qal li l-flus kienu ser jiġu mogħtija lill-Kunsill.

Is-Sur Vella staqsa lis-Sindku kif ġie rrappurtat illi l-*Action Team* kien qed jagħmel superviżjoni fuq l-istaff tal-Kunsill meta l-Kunsill lanqas biss kien jaf li qed jinġabru xi flus. Is-Sur Vella staqsa x'kienu r-responsabilitajiet tal-*action team* fl-attivitajiet li saru.

Il-Viċi-Sindku staqsa x'inhi r-raġuni li qed jiġi ppreżentat rendikont proviżorju tal-ispejjeż meta suppost illi l-ħlas għas-servizzi ikun stabbilit. Il-Viċi-Sindku staqsa wkoll jekk fl-attività tal-1 ta' Ġunju min rama ħallasx il-permessi neċessarji biex jagħmel dan.

Is-Sur Buttigieg qal li attivitajiet bħal dawn għandhom jiġu diskussi mill-Kunsill qabel ma jsiru u mhux wara.

Is-Sindku talab permess biex iressaq ix-*schedule of payments* għall-perjodu 21 ta' Ġunju, 2013 sat-8 t'Awwissu, 2013 li kien jammonta għal €55,128.04. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Vella Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi approvat li jsir biss il-ħlas dovut lill-kumpanija Vella Group li jammonta għal €8,314.98.

Fit-7.50 ta' filgħaxija s-Sur Vella Bonnici talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Vella semma l-paga tas-Segretarju Eżekuttiv għax-xahar ta' Lulju li baqgħet miżmuma mis-Sindku u qal li hu llegali li mpjegat ma jitħallasx il-paga dovuta. Is-Sindku qal li s-Segretarju qabad u ma ġiex għal tliet ġimgħat. Is-Segretarju ċaħad kategorikament din l-allegazzjoni.

Is-Sur Spiteri qal li hi ksur ta' liġi li ma tagħtix il-paga lil impjegat u assolutament ma jaqbilx li dan isir.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kunsill qabel bi tminn voti kontra wieħed li s-Segretarju għandu jitħallas il-paga sħiħa dovuta lilu mingħajr aktar dewmien.

Fl-aħħarnett is-Sur Bonnici talab lis-Sindku jgħid meta ser issir laqgħa oħra tal-Kunsill. Is-Sindku qal li laqgħa oħra ser tissejjaħ meta jiddeċiedi d-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.40 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-419-il laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 27 t'Awwissu, 2013.

Quinton Scerri
Sindku